MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 199/2015

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Reuben Demanuele (K.I. Numru 53977M) u**

**Rose Lynn Demanuele (K.I. Numru 23779M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-4 ta' Marzu, 2015 mill-**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)** (minn issa 'l quddiem is-soċjetà attriċi) fejn ippremettiet u għamlet is-segwenti talbiet:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino datat 14 ta' Ottubru 2005 (Dok. "A") is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele fis-somma ta' disgħa u sebgħin elf, wieħed u sebgħin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€79,071.74) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B7", Dok. "C1 sa C7", Dok. "D1 sa D6" u Dok. "E1 sa E7"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-18 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament, flimkien ma' spejjeż legali oħra;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele:*

   *(a) Naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attur nomine (Joseph Caruana (K.I. numru 709057(M) għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà attriċi) jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

5. *Illi l-konvenuti Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 24 ta' Lulju 2014, li kopja tagħha ġiet esebita u mmarkata Dok. "F", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (Dok "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess skrittura sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi; u*

2. *Tikkundanna lil Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele jħallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disgħa u sebgħin elf, wieħed u sebgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€79,071.74) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B7", Dok. "C1 sa C7", Dok "D1 sa D6" u Dok. "E1 sa E7") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-18 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament, flimkien ma' spejjeż legali oħra;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 24 ta' Lulju 2014 kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

Rat illi l-konvenuti **Reuben Demanuele** u **Rose Lynn Demanuele** għalkemm debitament notifikati, naqsu li jippreżentaw risposta maħlufa u għalhekk kienu kontumaċi.

Eżaminat l-atti tar-Rikors Maħluf.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn l-Avukat Kris Busietta ppreżenta u qara nota ta' ammissjoni tal-konvenuta Rose Lynn Demanuele u fejn l-Avukat Adrian Camilleri ppreżenta u qara nota tal-konvenut Reuben Demanuele fejn ta ruħu b'notifikat bl-atti tal-kawża u ammetta t-talbiet tas-soċjetà attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Billi t-talbiet tas-soċjetà attriċi ġew ammessi mill-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw mistħoqqa:

**<u>Decide</u>**

**Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi kif dedotta fir-Rikors Maħluf u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (Dok.**

**“A”, a fol. 4 sa 18 tal-proċess), billi l-konvenuti Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmlu dan mas-soċjetà attriċi; billi l-istess konvenuti naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jolqtu ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess soċjetà attriċi;**

**Tilqa’ t-tieni talba tas-soċjetà attriċi billi tikkundanna lill-konvenuti Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele jħallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ disgħa u sebgħin elf, wieħed u sebgħin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€79,071.74) bilanċ għad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Reuben Demanuele u Rose Lynn Demanuele mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-18 ta’ Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenuti, biex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------